MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2004

Citazzjoni Numru. 81/2004

**Citazzjoni numru 81/2004**

**Saviour sive Sammy Spiteri u MaryAnne konjugi Spiteri**

**-vs-**

**Charles sive Charlie Cordina kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gaudos Developments Ltd**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi huma ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm25,891) dovuti lilhom bhala bilanc ghall-hlas ta' materjal tal-bini u xoghol tal-kostruzzjoni fis-sit f'Tac-Cawla, Victoria, Ghawdex, liema xoghol sar mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenuti.

Illi l-imsemmi bilanc ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm25,891) huwa dovut ghax-xoghol u materjal li sar fis-sit hawn fuq indikat, u dana skond kontijiet rilaxxati mill-Perit Teddie Busuttil.

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati mill-atturi sabiex jaghmlu l-pagament tas-somma hawn fuq indikata inkluz bil-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 134/04 u Mandat ta' Inibizzjoni Numru 39/04 fl-ismijiet "Sammy Spiteri et vs Charles Cordina et", il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni.

Illi ghaldaqstant l-atturi qed jipprocedu ghal din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili u qed jitolbu ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh.

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm25,891).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 134/04 u Mandat ta' Inibizzjoni numru 39/04 fl-ismijiet "Sammy Spiteri et vs Charles Cordina et" u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata.

Rat illi minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat bl-appuntament ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum, dan baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-atturi seduta stante bil-gurament jikkonfermaw id-dikjarazzjoni tal-fatti.

Billi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati.

Tilqa' l-istess u tiddikjara lill-konvenut f'ismu u f'isem is-socjeta' Gaudos Developments Limited debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm25,891). Tikkundanna lill-konvenut f'ismu u f'isem is-socjeta' hawn fuq imsemmija jhallas lid-debitur is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm25,891).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Inibizzjoni u bl-imghax dekoribbli mill-ewwel notifika tal-Mandat ta' Sekwestru u/jew Mandat ta' Inibizzjoni kollha kontra l-konvenut f'ismu u f'isem is-socjeta' Gaudos Developments Limited.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb

Kopja Informali ta' Sentenza

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------